MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Numru. 1175/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra :

Roman Mahamed Abasimel, ta' 26 sena, bint Roman Mahamed u Zawdia Ibrahim xebba Ibrahim, imwielda Shenou fl-Etijopja nhar il-25 ta' Lulju 1986, residenti Hal Far tent Village, Hal Far u detentrici tal-karta ta` l-identita` bin-numru 74659(A)

Talli:

F'dawn il-bini tal-Qorti fil-Belt Valletta, nhar il-15 ta' Novembru 2013, ghall-habta tal-16:00 ta' wara nofs in-nhar, abbandunat jew helliet espost tifel ta' eta' ta' anqas minn seba` snin u cioe` lil Anas Ibrahim Abdella Muhammed.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-imputata rregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wessietha solennement bil-konsegwenzi ta' din l-istess ammissjoni taghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 246 u 208 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fuq ammissjoni m'ghandiex ghazla ohra hlif issib lill-istess imputata hatja tal-akkuzi dettota kontra taghha u ghal daqstant qegheda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena millum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Tordna li l-imputata tigi prevenuta milli l-attivitajiet taghha li ghandhom x'jaqsmu mas-supervizjoni tat-tifel taghha ghal tlitt xhur u gimghatejn millum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------